# MKSU b'żewġt faċċati:

# Qed insofru minn amneżija?

Il-bidu ta' sena ġdida dejjem iġib f'moħħna nixxiegħa qawwija ta' stampi li tqanqal esperjenzi mgħoddija u tamiet fil-ġejjieni. Il-ġdid hu dejjem battalja bejn il-qadim u l-ġdid, l-istabiltà u l-bidla, it-tradizzjoni u l-innovazzjoni. Dan iż-'żewġ naħat' ta' kull bidu kien spjegat tajjeb fir-reliġjon antika Rumana. Janus, bil-laqam ta' Bifons, kien l-alla tal-bidu, ta' l-istaġuni u s-snin. Iż-żewġ naħat tiegħu jirrappreżentaw din ix-xenqa Rumana li jippreservaw t-tradizzjoni u jġibu bidla fl-istess ħin. Qed ngħixu f' "soċjetà li tbati minn amneżija", ġewwa kultura li qed issir iktar post-moderna, li kontinwament tiċħad il-passat u twaqqa' għaċ-ċajt l-interess għall-identità li għandha għeruq profondi. Qed nipproponi li niftakru l-identità tagħna u li fl-istess ħin ma ninsewx għeruqna fil-passat li huma fundamentali għall-futur ta' l-MKSU.

L-MKSU jaf il-bidu tiegħu fl-1929 li hija data importanti fl-Istorja politika Maltija. Wara diskors b'ħafna passjoni u elokwenza fuq ir-reżistenza ta' żgħażagħ Messikani fir-revoluzzjoni Anti-Kattolika (1913-1929), xi studenti Universitarji ddeċidew li jwaqqfu organizzazzjoni Kattolika li jkollha testimonjanza simili għall-"Verità Kattolika" fl-Università. B'hekk oriġina il-"*Lega Universitaria Cattolica Maltese*" ( li l-isem stess jindika xaqliba lejn it-Taljan fil-Knisja fil-Kwistjoni tal-Lingwa) li twaqqfet minn Giovanni Theuma (li kien l-ewwel President) u Mikiel Azzopardi (l-ewwel segretarju). Dawn iż-żewġ persuni wara saru kjeriċi importanti f'Malta. L-għaqda tagħna bdiet tieħu l-ħajja taħt il-gwida ta' Daniele M. Callus OP (1888-1965), storiku medjevali u filosofu msemmi,.

L-għaqda kienet tirrifletti profondament il-Kattoliċiżmu Malti ta' qabel Vatikan II. Din l-għaqda lajka ġdida mxiet fuq proċess ta' żvilupp reliġjuż li kien ippjanat ħafna. Fid-19 ta' Frar 1930, Mgr Maurizio Caruana approva l-organizzazzjoni bid-dritt li jaċċetta jew jiċħad il-President innominat. Dan id-dritt għadu jinżamm teoretikament sal-lum. Din in-natura reliġjuża profonda ta' dan l-ewwel grupp għandu jkun miftiehem fil-kuntest tal-moviment ta' Azzjoni Kattolka li kien appoġġat iktar qabel minn Papa Piju XI. Bħalma l-Professur Andrew Vella qal fi "*Tribute to Professor Daniel Callus*" (1965), il-Lega kienet l-ewwel nukleu ta' l-Azzjoni Kattolika f'Malta. Għalkemm il-Professur Callus huwa kkunsidrat bħala l-fundatur tagħha; kienet imwaqqfa bl-isforzi ta' Giovanni Theuma u Mikiel Azzopardi. Dan kollu li għidna huwa fundamentali biex wieħed jifhem in-natura tal-missjoni ta' l-għaqda l-ġdida fl-Università. Infatti fl-ewwel statuti li huma disponibbli nsibu li l-erba' għanijiet prinċipali li għandhom jkun dejjem il-gwida ta' l-MKSU huma: (1) li tippromwovi l-valuri nsara u li tagħti servizz nisrani lill-istudenti kollha; (2) li tgħin biex tgħaqqad l-istudenti ta' għaqdiet reliġjużi differenti flimkien bħala knisja waħda u tkun xiehda ta' Kristu ħaj; (3) li tkun grupp għall-Kattoliċi li mhumiex involuti f'organizzazzjonijiet oħra; (4) li tippromwovi l-valuri tal-fidi, il-ġustizzja u l-paċi.

Is-simpatiji tal-Maltin nbidlu għal dawk pro-Ingliżi fl-era ta' wara l-gwerra. Dawn jidhru fil-bidla ta' l-isem għal: "University Students Catholic Guild" (USCG) fl-1949. L-organizzazzjoni kompliet tikber u tat enfasi dejjem lill-vokazzjoni lajka fl-Università billi enfasizzat il-formazzjoni spiritwali u l-preparazzjoni adekwata għall-ħaddiema Nsara. Data importanti għall-Istorja ta' l-MKSU hija d-29 ta' Mejju 1967 meta s-Senat approva uffiċjalment lill-MKSU bħala għaqda universitarja. B'hekk l-

għaqda tagħna hija waħda mill-eqdem organizzazzjonijiet fl-Università. Wieħed jista' jinnota l-ammont kbir ta' xogħol li sar speċjalment fil-pubblikazzjoni *Riċerka*, fejn fiha sar ammont kbir ta' kontributi reliġjużi u soċjali u oħrajn ta' evalwazzjoni personali biex l-għaqda tara kemm hija effettiva fost l-istudenti. Aspett interessanti ieħor hu d-dimensjoni internazzjonali – li żżomm rabtiet ma' numru kbir ta' organizzazzjoniijiet simili f'Universitajiet Ewropej kien dejjem prijorità. F'Settembru ta' l-1974 l-organizzazzjoni bidlet isimha mil-ġdid għal "University Students Catholic Movement" (USCM) sakemm fl-1987 biex tirrifletti il-kultura popolari, ingħatat l-isem li għandha bħalissa ta' "Moviment Kattoliku Studenti Universitarji" jew MKSU.

Għalkemm meta wieħed jikkunsidra l-bidliet kbar fil-kultura ta' l-Università u l-mentalità reliġjuża, l-ammont inqas ta' xogħol li jidher li qed isir, in-numru inqas ta' membri attivi u l-effett minimu li qiegħed ikollu l-MKSU fuq l-ammont dejjem jikber ta' studenti (jekk ukoll wieħed ma jikkunsidrax in-numru dejjem jikber ta' għaqdiet li "jikkompetu" ma' l-MKSU): wieħed m'għandux iħares lejn il-passat glorjuż u jilmenta li sejrin lura.

Ir-relevanza ta' l-MKSU huwa assigurat biss jekk inżommu ma' l-erba' għanijiet li għalihom twaqqaf l-MKSU. Huwa biss meta tirrispetta l-perċezzjoni tagħha nfisha bħala għaqda lajka u r-rabta qawwija mal-Knisja Maltija u l-bqija tad-djoċesi, f'qafas ta' l-Azzjoni Kattolika, tista' tibqa' fidila lejn l-ideali oriġinali llum. Minkejja dan kollu, wieħed żgur ma jistax jippretendi li ma jkunx hemm bidliet sinjifikanti fil-perċezzjoni ta' l-MKSU llum. L-MKSU mhuwiex jaħdem f'soċjetà b'kultura Kattolika biss imma f'soċjetà fejn kull ma jmur qed ssir iktar sekulari, post-Kristjana u pluralista. Is-servizzi reliġjużi li qabel kien joffri l-MKSU llum huma ħafna minnhom offruti miċ-*Chapliancy* u minn ħafna organizzazzjonijiet li jmexxu 'l quddiem il-ġustizzja soċjali u l-valuri umani fl-Università. Iktar minn qatt qabel hemm bżonn li nifhmu u nerġgħu nsibu d-dimensjoni Kattolika tagħna u l-identità tagħna fl-Università. Għandna nkunu iktar Kristjani fil-mod kif inħarsu lejn l-affarijiet iktar milli Kattoliċi billi nifthu għal nies mhux Kattoliċi fl-Università f'impenn veru għall-ekumeniżmu? Forsi iktar milli l-impenn tagħna jkun strettament reliġjuż; għandu jkun iktar soċjali; biex nimxu fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja? Liema għan, mill-erba' msemmija hawn fuq, l-MKSU huwa l-iktar responsabbli għalih illum? Għandna nikkonċentraw fuq id-dimensjoni ekkleżjali – li nkunu parti mill-Knisja- u għalhekk niffukaw fuq l-unità ta' l-organizzazzjonijiet diversi biex nkabbru l-unità fil-Knisja lokali li s-sinodu enfasizza tant? Kemm individwi Kattoliċi konvinti, li mhumiex f'ebda organizzazzjoni reliġjuża, jew bħala Kattoliċi li għadhom qed ifittxu, fittxew jew ġew provduti grupp jew ma' l-MKSU jew indirettament permezz taċ-*Chapliancy*?

Bla dubju l-identità kontemporanja ta' l-MKSU hi u għandha tkun taħlita intelliġenti bejn il-qadim u l-ġdid. Bħalma kont qed nipprova ngħid, mingħajr ma qgħadt nidħol f'ħafna dettall storiku żejjed, il-qadim hu importanti daqs il-ġdid fl-identità tagħna biex inkunu iktar awtentiċi u nħallu l-frott fit-twettiq ta' l-ideali u l-għanijiet tagħna.
L-iktar punt kruċjali imma għandu jkun l-lealtà tagħna għall-ideal li mmotiva l-istudenti madwar Profs. Daniel Callus lura fl-1929; li kienu xiehda ta' Kristu ħaj fid-dinja tagħna; id-dawl tad-dinja li hu tant antik daqskemm dejjem ġdid.

©Mark Farrugia
Copyright tat-traduzzjoni: Daniel Colombo

CHRISTIAN VALUES THROUGH SOCIAL COMMITMENT